MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 141/2006

**Dr. Edward Debono LLD detentur tal-karta ta` l-identita` 592758(M) bhala mandatarju ghall-assenti minn Malta Giovanni Romanazzi Carducci detentur tal-karta ta` l-identita` Taljana AH 1692636**

**vs**

**CEL Limited (C905)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li bih ir-rikorrent ippremetta illi:

1. L-attur huwa kreditur tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta` tnejn u tletin elf Liri Maltin (Lm32,000) u dan in virtu tal-ftehim tal-ewwel (1) ta` Gunju, 2000 liema somma kellha tithallas sa tletin (30) ta` Gunju, 2002 u dan skond il-

ftehim li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala dokument A;

2. L-attur interpella lis-socjeta` konvenuta diversi drabi biex ihallas is-somma ta` tnejn u tletin elf Liri Maltin (Lm32,000) oltre l-imghax legali mill-ewwel (1) ta` Lulju, 2002, pero` s-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti u dan anki kif jidher mill-anness ittra markat dok B;

3. L-ammont dovut lill-attur nomine huwa cert, likwidu u skadut u l-konvenut m`ghandu ebda eccezzjoni x`jaghti ghat-talba ta` l-attur;

4. Ghalhekk jezistu l-elementi kollha mehtiega skond l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, sabiex il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi bid-dispenza tas-smiegh;

Talab lill-intimat jghid ghax din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex tiddeciedi skond it-talba attrici bid-dispenza tas-smiegh skond l-artikolu 167 tal-kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta u –

1. Tikkundanna is-socjeta` konvenuta ihallas lill-attur is-somma ta` tnejn u tletin elf Lira Maltin (Lm32,000) oltre l-imghax legali mill-ewwel (1) ta` Lulju, 2002 u dan in virtu tal-ftehim tal-1 ta` Gunju, 2002.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tas-socjeta` konvenuta in subizzjoni.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lis-socjeta` ntimata li naqset li tipprezenta risposta, lanqas ma dehret fl-udjenza li ghaliha kienet appuntata l-kawza, u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-Avukat tar-rikorrent.

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tas-socjeta` intimata tiddeciedi billi tilqa` t-talba tar-rikorrent kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra s-socjeta` ntimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------